Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/33*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 33 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru, 2015 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

*Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud ser tkun qed issegwi u tipparteċipa fil-laqgħa permezz tal-online streaming minn Malta għar-raġuni li għada għandha appuntament kmieni biex tattendi l-Isptar Mater Dei. Il-Kunsill qabel ukoll li f'każ ta' bżonn isir kuntatt permezz tal-mobajl.*

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-32

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Offerti

**Offerta Nru 2015-01** – Services of a Contract Manager and Local Council Architect. Il-Kunsill irċieva żewġ offerti sal-ħin tal-egħluq tal-offerti. L-offerti huma ta' Perit A.C. Bezzina (4.75% / €23 per hour / 4.75%) u ta' Mario Cordina – CP Partners (3.89% / €14.90 per hour / 3.89%). Is-Sindku ippropona li naħtru Bord tal-Għażla tal-Offerti sabiex iħejji rapport u jipproponi l-aktar offerta vantaġġjuża. Is-Sindku ippropona li naħtru lil William Sultana, Dr Joshua Grech u lil Dr Roberta Cassar sabiex ikunu l-membri ta' dan il-bord. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku u qabel ukoll mal-membri nominati sabiex ikunu fuq il-Bord tal-Għażla tal-Offerti.

**Offerta Nru 2015-02** – Supply of cold Asphalt and for the maintenance and patching with hot rolled asphalt of various streets as directed by the L-Għasri Local Council. Il-Kunsill irċieva offerta waħda sal-ħin tal-egħluq tal-offerti. L-offerta hija ta' Road Construction Co. Ltd. (€66.60 per $m^2$ / €86 per ton). Għalkemm għandna offerta waħda biss is-Sindku ippropona li l-Bord tal-Għażla tal-Offerti għandu iħejji rapport dwar din l-offerta u wara l-Kunsill jieħu deċiżjoni. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk il-Bord tal-Għażla tal-Offerti li għadu kif ġie maħtur ser jiġi mitlub biex iħejji r-rapport dwar din l-offerta.

**Offerta Nru 2015-03** – Laying of hot asphalt including ancillary works at Triq il-Fanal, L-Għasri. Il-Kunsill irċieva żewġ offerti sal-ħin tal-egħluq tal-offerti. L-offerti huma ta' Road Construction Co. Ltd. (€367,439.65) u ta' Gatt Tarmac Ltd (€367,703.45). Is-Sindku ippropona li kif ser isir fiż-żewġ offerti l-oħra diskussi aktar kmieni anke għal din l-offerta għandu jitħejja rapport mill-Bord tal-Għażla tal-Offerti li għadu kif ġie maħtur. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku u għalhekk il-Bord tal-Għażla tal-Offerti għandu iħejji r-rapport dwar din l-offerta.

**4. Jum L-Għasri**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li flimkien mal-Kumitat tal-Festa saru l-preparazzjonijiet biex l-attivita ta' Jum L-Għasri tkun tista' issir nhar is-Sibt 26 ta' Settembru. Dwar l-esibizzjoni s-Sindku qal li din ser issir fiċ-Ċentru Parrokkjali bil-koperazzjoni ta' Lino Xerri.

Dwar il-premju Ġieħ L-Għasri 2015 is-Sindku qal li iltaqa' l-Bord tal-Għażla kif kien propost fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Il-Bord kien magħmul mis-Sindku Dr Daniel Attard, l-Kappillan Mons. Edward Xuereb, l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Matthew Attard u l-President tal-Kumitat tal-Festa Saviour Vella. Il-Bord iddiskuta in-nominazzjonijiet li waslu għand il-Kunsill li huma ta' Anthony Calleja, Mons Joseph Zammit, Maria Vella, Michael Saliba u Joseph Saliba. Is-Sindku f'isem il-Bord ta' L-Għażla qal li l-persuni kollha nominati jixraqilhom li jingħataw il-premju għaliex kollha taw jew għadhom jagħtu kontribut siewi għar-raħal ta' L-Għasri. Is-Sindku qal li l-Bord ta' L-Għażla ma iddeċidiex liema persuna għandha tingħażel iżda issuġġerixxa li ċ-ċirkostanzi tal-mument jitolbu li Mons Joseph Zammit għandu jingħata l-Premju Ġieħ L-Għasri. Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament li Mons Joseph Zammit għandu jingħata l-premju Ġieħ L-Għasri ta' din is-sena.

**5. Korrispondenza**

5.01 Memo 24/2015 – Professional Development Award in Improving Public Management and Governance at Local Level.

5.02 Memo 25/2015 – Green Public Procurement (GPP)

5.03 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli Lokali dwar il-European Mobility Week.

**6. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-33 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 7. Materja oħra

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar laqgħa li saret mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Proġetti u Żviluppi s-Sur Mark Formosa dwar il-problema tad-drenagg fi Triq Wied L-Għasri. Għal din il-laqgħa kellu jattendi l-Inġinier tal-WSC Charles Camilleri iżda kellu laqgħa b'urġenza u ma setgħax jattendi. Preżenti kien hawn ukoll l-Assistent Direttur is-Sur Lorry Apap. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li marru wkoll fuq il-post biex jiġi spjegat il-problema li qed ikun hemm. Il-problema qed tinqala kull meta tagħmel ix-xita peress li l-spaction tad-drenaġġ (li nieżla miż-Żebbuġ) mhux tlaħħaq u għalhekk tfur għal fuq it-triq bil-konsegwenza li qed issir ħafna ħsara lil wiċċ tat-triq apparti li issir ħsara lill-wiċċ tar-raba'. Il-Kunsill issuġġerixxa li jsir storm water culvert sabiex l-ilma tax-xita jgħaddi minnhu u b'hekk it-triq ma tinqalax kull darba. L-storm water culvert jista' jsir minn fejn hemm l-spaction imsemmija u jwassal sal-wied. Id-Direttur informa lis-Segretarju Eżekuttiv li minn naħa tagħhom jistgħu jgħinu f'dan il-proġett billi jiprovdu materjal bħal konkos u gradi għall-storm water culvert. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li permezz tat-telefon l-Inġ. Charles Camilleri qallu li minn naħa tal-WSC ikunu jistgħu jgħinu billi jagħtuna l-katusi. Kemm il-Ministeru Għal Għawdex kif ukoll il-WSC talbu li jingħataw rapport minn għand il-Perit tal-Kunsill sabiex ikollhom ukoll stima tal-ispejjeż involuti. B'hekk wara ikunu jistgħu jiġu approvati minn naħa tagħhom. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk jirnexxielna inġiebu l-materjal kollu imsemmi, minn naħa tagħnu inkunu nistgħu nagħmlu x-xogħol meħtieġ jiġifieri t-trinka u xogħlijiet oħra relatati. Il-Kunsill qabel li kif ikolna l-Perit tal-Kunsill (peress li għandna l-offerta li qegħda fil-proċess ta' l-għażla) inkunu nistgħu nordnaw li jsir ir-rapport u b'hekk nibdew il-proċess biex tissolva din il-problema. Peress li dan il-proġett se jieħu ż-żmien biex ikun jista' jsir is-Sindku ippropona sabiex fl-aħħar parti ta' fejn irid isir il-storm water culvert issir mill-Kunsill biex b'hekk il-kumplament tat-triq ma tibqax iġġarrab ħsara. Is-Sindku ippropona li l-kuntrattur Anton Mintoff jagħmel gandott li jaqsam it-triq u jilqa' l-ilma li jkun ġej minn naħa ta' fuq u jiġi dirett lejn il-wied. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk ser isir ix-xogħol meħtieġ mill-kuntrattur.

7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li flimkien mad-Direttur is-Sur Mark Formosa u l-Assistent Direttur is-Sur Lorry Apap kienu marru ukoll jaraw il-problema ta' Triq il-Ġonna. F'dawn l-inħawi kien sar storm water culvert li dan kien jaqbad ma' gandott ieħor eżistenti li jibqa' sejjer għal wied. Il-gandott eżistenti kien imsaqqaf permezz ta' kaptelli u għalhekk kien qed jiġi propost li jsir bil-katusi peress li l-bdiewa ilmentaw li ġieli waqgħu kaptelli u imblukkaw l-istess gandott. Jekk jerġa' jaqa' xi kaptell u jimblokka l-gandott tista' tiġri ħafna ħsara. Id-Direttur u l-Assistent Direttur spezzjonaw il-gandott u qalu li dan għandu jibqa' kif inhu peress li jilqa' ilma fih aktar mill-katusi u l-kaptelli jidhru li għadhom fi stat tajjeb. Barra minn hekk peress li hemm it-tul l-ispiża tkun kbira u għalhekk mhux vijabbli li jinbidlu meta hemm prijoritajiet oħra. Huma infurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv biex jekk jiġi rapportat li inkiser xi kaptell għandna ninfurmaw lilhom biex jibgħatu l-ħaddiema u jibdlu l-kaptell li jkun inkiser.

7.03 Is-Sindku ippropona li jitħawlu siġar fi Triq il-Fanal (faċċata tal-Lighthouse Supermarket). Il-Kunsill qabel li meta jkolna l-Perit tal-Kunsill għandna nistaqsu lill-Perit biex jara hemmx spazju biżżejjed fejn isiru s-siġar b'tali mod li ma jimblukkawx il-bankina.

7.04 Is-Sindku ippropona li għandna insibu postijiet fejn jistgħu jitpoġġew pots bix-xtieli u b'hekk insebbħu l-ambjent tar-raħal. Is-Sindku qal li se jagħmel kuntatti biex jagħmel arranġament biex iġib pots tax-xtieli b'xejn jew bi prezz sussiddjat ħafna.

7.05 Vincent Pace ta' Triq il-Fanal talab lill-Kunsill sabiex teħel tabella biex is-sidien tal-klieb inaddfu warajhom peress li fl-inħawi fejn joqgħod hu qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill qabel li nordnaw tabella li tindika li hemm il-multi jekk sidien tal-klieb ma jnaddfux. It-tabella se teħel fi Triq il-Fanal.

7.06 Is-Sindku ippropona sabiex l-arbli li l-Kunsill kien xtara biex jintużaw meta jkolna xi attivita bħal Jum L-Għasri jew fi żmien il-Milied jiġu inċanati u miżbugħa u b'hekk ikunu jistgħu jibdew jintużaw kollha. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

7.07 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li diġa inkitbu tmien persuni biex jattendu għall-kors tal-ħjata. Il-Kunsill qabel li dan għandu isiru kull nhar ta' Tnejn.

7.08 Dwar it-trasport għat-tfal li jattendu skola privata jew tal-Knsija s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu interessati minn dan is-servizz tmien studenti. Il-Kunsill qabel li dan għandu jiġi organizzat. Il-Kunsill qabel li kif sar fis-snin preċedenti jissussidja dan it-trasport.

7.09 Is-Sindku ippropona li jiġi organizzat weekend break f'Kemmuna. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jieħu ħsieb biex jorganizza din l-attivita. Il-Kunsill qabel ukoll li din l-attivita tkun sussidjata mill-Kunsill.

7.10 Simon Portelli ta' Triq il-Fanal talab sabiex jitneħħew il-katusi tal-ilma tax-xita li mhux użati u qegħdin fejn id-dar tiegħu. Dawn qed ikunu ta' ostakolu għalih u għal kull min ikun irid imur għandu. Il-Kunsill qabel li ngħidu lill-kuntrattur Anton Mintoff sabiex ineħħihom u possibilment iżommhom fi store tiegħu sakemm inkunu se ninstallawhom.

7.11 David Curmi mill-Għarb talab sabiex issir rampa fi Triq l-Għarb biex ikun jista' jaċċessa l-għalqa tiegħu. Peress li din hija triq arterjali l-Kunsill qabel li nitolbu lill-Ministeru Għal Għawdex jew lil Transport Malta sabiex jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

7.12 Carmen Sultana ta' Triq il-Fanal talbet sabiex isiru sinjali sofor fejn il-post tagħha u faċċata peress li meta jipparkjaw qed tkun problema biex toħroġ il-karozza tagħha mill-garaxx. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jmur jara fuq il-post biex jivverifika x'inhi il-problema u jara x'jista' jsir biex tissolva.

7.13 Renzo Galea minn ta' Sannat u li għandu l-egħlieqi fl-inħawi ta' Wied is-Seqer ilmenta dwar ġebel li kien hemm fl-istess inħawi u għalhekk kien qed jimblokka l-aċċess għall-egħlieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li huwa kien mar jara biex jivverifika dwar dan. Kien hemm ġebel li inġarr meta għamel il-maltemp. Il-kuntrattur tat-tindif tat-toroq ġie infurmat u diġa tneħħa l-materjal kollu li kien hemm. It-triq issa hija aċċessibbli. F'din il-parti tat-triq kien intefa' xi ġebel biex tingħalaq ħofra kbira li kien hemm. Din issa ser tingħata l-konkos biex ma jibqax jinġar il-ġebel.

7.14 Benny Zammit mir-Rabat ilmenta wkoll dwar il-problema ta' Wied is-Seqer.

7.15 Joe Cauchi ta’ Triq it-Tamar informa lill-Kunsill li fl-istess triq hemm madwar żewġ vieġi terrapien faċċata tal-farm. Huwa talab li dawn jitneħħew. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu imur fuq il-post biex jivverifika u wara jsir ix-xogħol meħtieġ.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa 28 ta’ Ottubru, 2015 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard<br>Sindku | Ruben Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv |